***ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL***

***73, ST. MARY STREET***

***TARXIEN. TXN 1704***

***Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt***

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 65

3/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: Il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2023

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti (Online) |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**65.1 Ittri ta'Apoloġija**

65.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Marmara ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi. Filwaqt li s-Sur Pace u s-Sur Dalli infurmaw sabiex ikunu skużati. Għaldaqstant huwa ppropona li s-Sa. Marmara titniżżel bħala assenti filwaqt li s-Sur Pace u s-Sur Dalli jitniżżlu assenti. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista il-Kumitat approva.

**65.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.64**

65.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 64 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**65.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 53**

65.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sur Thomas Debattista ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-9 ta' Novembru 2023 u l-15 ta' Diċembru 2023 li kienet tammonta għal €167,594.45.

**65.4 Punti mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **65.4.1 Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma Infrastruttura Malta mexxjin bil-kitba ta' tender. Semma li x-xogħol huwa mistenni li jibda f' Lulju. |
| **65.4.2 Triq Kurunell Mass** | Is-Sindku semma li l-Kunsill għadu qed jistenna minn Infrastruttura Malta. |
| **65.4.3 Latrini Awtomatiċi** | Is-Sindku semma li l-Perit lesta l-Bill of Quantities u ser ikunu qed jaħdmu biex jitlesta t-tender. |
| **65.4.4 Fondi Norveġiżi** | Is-Sindku semma li wara l-ispjegazzjoni li kienet ingħatat fil-laqgħa preċidenti, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħtet rikjesta għall-fondi addizzjonali mill-fond EEA. Semmiet li għadha qed tistenna risposta mid-Diviżjoni. |
| **65.4.5 Bring in Sites** | Is-Sindku semma li sa issa r-residenti ikkoperaw u ma jidhirx li hemm problemi ta' ndafa madwarhom. |
| **65.4.6 Dar tal-Kejka** | Is-Sindku semma li l-iScouts kienu għadhom ma kkomunikawx mal-Kunsill wara li kienet intbagħtet korrispondenza lilhom sabiex issir laqgħa. Semma li din il-materja ser terġa' tiġi kkomunikata f' Jannar 2024. |
| **65.4.7 Festa Ħelu** | Is-Sindku semma li Festa Ħelu kienet ta' suċċess. Semma li kellhom jittieħdu deċiżjonijiet b' mod immedjat minħabba t-temp li kien dakinhar tal-attivita' sabiex kollox jitmexxa għall-għada l-Ħadd. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Semma li kien sodisfatt bl-andament u anki bl-attendenza. Semma li d-dawl tal-palk seta' kien aħjar imma din tista' faċilment tiġi rranġata fl-attivita' li jmiss.
Is-Sindku orringrazzja lil dawk kollha inkluż il-ħaddiema li taw sehmhom bla waqfien.

**65.4.8 Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku semma li ser isir festin tal-anzjani sar u kien wieħed ta' suċċess. Semma li nhar 26 ta' Diċembru, il-Kunsill flimkien mal-Kunsillier is-Sur Neil Portelli kienu ser jorganizzaw il-festin tat-tfal.
Semma li nhar 28 ta' Diċembru ser issir attivita' għal kulħadd.

**65.4.9 Kerrejja**

Is-Sindku semma li x-xogħol fuq il-kerrejja miexi. Semma li nstabet problema li flok blata hemm ħadid bil-konkos. Is-Sindku propona li tintalab kwotazzjoni sabiex tinbidel u ssir blata. Dan sabiex ix-xogħol ikun wieħed unit u jservi aktar. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Debattista, il-Kumitat approva.

**65.4.10 Rendikont ta' Taxxa**

Is-Sindku semma li l-Kunsill għad irid jara jsibx dokumenti ta' meta nfetaħ dan il-kont ta' Taxxa. Semma wkoll li ntalbet direzzjoni tad-Diviżjoni.

**65.4.11 Contract Manager**

Is-Sindku semma li wara dak li kien ikkomunikat fil-laqgħa preċidenti, il-Kunsill żamm il-pagamenti pendenti imma ma kien irċieva xejn aktar mingħand il-Contracts Manager.

**65.4.12 Inħawi ta' Ġnien Ovindoli**

Is-Sindku semma li kien wara li kienu ġew misduda xi culverts bil-konkos, iddaħħlet applikazzjoni mal-Public Works sabiex jinbeda x-xogħol fuqhom.

**65.4.13 Ground 5 a side**

Is-Sindku semma li kienu qed jinġabru d-dokumentazzjonijiet kollha tal-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal li ser ikun qed jintuża fil-proġett. Il-proġett inbeda billi qed jaqgħilu t-turf l-antik. Semma li l-Perit tal-Kunsill qiegħed isegwi mill-qrib l-andament ta' dan il-proġett.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **65.4. 14 Triq it-Tempji Neolitiċi** | Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa kemm ma' Transport Malta kif ukoll Infrastruttura Malta. Semma li kien hemm direzzjoni minn Infrastruttura Malta li l-Water Services iqabdu kuntrattur tagħhom sabiex jgħaddi l-ilma mill-ġdid. Semma li s-sistema ta' Drenaġġ mhux ser tinqala' għax jidher li m'hemmx bżonn. Semma li ser isir appuntament mal-Water Services. |
| **65.4.15 Triq San Anard** | Is-Sindku semma li din għadha pendenti. |
| **65.4.16 Manutenzjoni ta' toroq** | Is-Sindku semma li f'Ħal Tarxien saru 22 triq. Semma li Triq Anġlu Mangion ser tkun lesta daqt filwaqt li ż-żona l-oħra li hija Triq il-Pellikani, Triq Russett u Triq Xandru Farrugia u Isqof Thomas Gargallo kienu lesti. |
| **65.4.17 Triq Lanzon** | Is-Sindku semma li hemm petizzjoni mir-residenti fuq din it-triq peress li daħħlet applikazzjoni ma' Transport Malta minn wieħed mir-residenti sabiex jitwalu l-linji sofor quddiem garaxx. |

**64.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024**

64.5.1 Is-Sindku preżenta l-Estimi finanzjarji għas-sena 2024. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport.

64.5.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista dan ir-rapport ġie approvat kif imressaq.

**64.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Business Plan 2024 - 2028**

64.6.1 Is-Sindku preżenta Business Plan għas-snin 2024 - 2028. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport.

64.6.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli dan ir-rapport ġie approvat kif imressaq.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**64.7 Performance Appraisals Ħaddiema Kunsill Lokali Tarxien**

64.7.1 Is-Sindku preżenta l-Performance Appraisals tal-ħaddiema klerikali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat il-ħidma u anki qrat partijiet mir-rapport. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista r-rapport ġie approvat u l-ħaddiema klerikali kollha anki min kien spiċċa matul is-sena 2023 jingħata 6%.

64.7.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli ġie wkoll approvat il-Performance Appraisal tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u unanimament kien hemm qbil li din tibgħata 10% mill-Kunsill u tintbgħat lid-Diviżjonali sabiex ikunu approvati l-5% l-oħrajn.

64.7.3 Fuq proposta tas-Sindku bi qbil unanimu ġie konkluż li l-ex Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ma tingħata l-ebda perforamnce bonus mill-Kunsill.

**64.8 Aġġornament**

64.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**